

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: QE, RD

Konvenuta: SATA Internacional – Serviços de Transportes Aéreos SA

fil-preżenza ta': ANA – Aeroportos de Portugal SA

## Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari messqa mit-Tribunal Judicial da Comarca dos Acores (il-Qorti Distrettwali tal-Acores, il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Lulju 2019, hija manifestament inammisibbli.

(<sup>1</sup>) ĠU C 19, 20.1.2020.

## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-2 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Okresný súd Poprad – is-Slovakkja) – IM vs Sting Reality s.r.o.

(Kawża C-853/19) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2005/29/KE – Prattiki kummerċjali żleali tal-inpriżi fil-konfront tal-konsumaturi – Artikoli 8 u 9 – Prattiki kummerċjali aggressivi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli ingūsti fil-kuntratti mal-konsumatur – Klawżola li hija s-suġġett ta' negozju individwali – Setgħat tal-qorti nazzjonali)*

(2020/C 287/37)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

## Qorti tar-rinviju

Okresný súd Poprad

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: IM

Konvenuta: Sting Reality s.r.o.

## Dispożittiv

1) L-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar pratti kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandhom jiġi interpretati fis-sens li l-kwalifika ta' prattika kummerċjali bħala aggressiva, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, teħtieġ li sseħħ evalwazzjoni konkreta u spċificika, fid-dawl tal-kriterji msemmija mid-dispożizzjonijiet imsemmija, taċ-ċirkustanzi kollha li jikkaratterizzaw lil din il-prattika. Fil-każ li l-kuntratt ikun għie konkluż minn persuna anzjana, li tbat minn diżabbiltà serja u li għandha dħul limitat li ma jippermettihix tirrimborsa d-dejn akkumulat minnha, il-fatt li l-kuntratt konkluż ikollu l-effett li jippermetti li tiġi evitata dispożizzjoni nazzjonali ta' protezzjoni tal-konsumaturi huwa hijel li l-kummerċjant ikkonċernat kellu l-intenzjoni li jabbużza b'għarfien sħiħ tas-serjetà partikolari tas-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha l-persuna msemmija, bil-ġhan li jinfluwenza d-deċiżjoni tagħha, liema ġaġa għandha tiġi evalwata mill-qorti tar-rinviju.

2) L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli ingūsti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti nazzjonali adita b'talba biex teżamina n-natura ingūsta tal-klawżoli ta' kuntratt bejn konsumatur u kummerċjant hija marbuta, fil-każ li dan tal-aħħar jirrifjuta, minkejja talba li tkun sarithu f'dan is-sens, li jikkomunika l-kuntratti simili li dan ikun ikkonkluda ma' konsumaturi oħra, li timplimenta r-regoli proċedurali nazzjonali li għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tevalwa jekk il-klawżoli ta' tali kuntratt kinuxx is-suġġett ta' negozju individwali.

3) It-tielet domanda mressqa mill-Okresný súd Poprad (Qorti Distrettwali ta' Poprad, is-Slovakkja) hija manifestament inammissibbli.

(<sup>1</sup>) ĠU C 36, 03.02.2020.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-28 ta' Mejju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Tribunale Amministrativo Regionale per la Puglia – l-Italja) – MC vs Ufficio territoriale del governo (U.T.G.) – Perfettura di Foggia**

(Kawża C-17/20) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja Inammissibbiltà manifesta – Prinċippi ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Eworpea – Dritt għal amministrazzjoni tajba – Dritt tad-difiża – Dritt għal smiġ – Att adottat mill-prefettura li jipprob bixxi l-attività minħabba suspett ta' infiltrazzjoni tal-mafja – Leġiżlazzjoni li ma tipprevedix proċedura kontradittorja)*

(2020/C 287/38)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per la Puglia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: MC

Konvenut: Ufficio territoriale del governo (U.T.G.) – Prefettura di Foggia

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunale amministrativo regionale per la Puglia (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Puglia, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Novembru 2019, hija manifestament inammissibbli.

(<sup>1</sup>) ĠU C 161, 11.05.2020.

**Appell ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2019 minn GMP-Orphan (GMPO) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralis (Is-Seba' Awla) fis-16 ta' Mejju 2019 fil-Kawża T-733/17, GMPO vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-575/19 P)

(2020/C 287/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: GMP-Orphan (GMPO) (rappreżentanti: J. Mulryne, L. Tsang, Solicitors, C. Schoonderbeek, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-11 ta' Ġunju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (id-Disa' Awla) iddeċiediet li l-appell għandu jiġi miċħud bħala manifestament inammissibbli u kkundannat lil GMP-Orphan SA għal-ispejjeż tagħha.